**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT DOTTOR SAVIOUR DEMICOLI LL.D., M.Phil.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**DAREN GRIMA**

**Illum 28 ta' Ottubru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Daren Grima detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 531479(M) gie akkuzat talli f'Gunju 2008, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Miroslav Pfeifer detentur ta' passaport Pollak numru AA 6759355, ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 301 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Miroslav Pfeifer detentur ta' passaport Pollak numru AA 6759355, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kiser id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 7 Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu fis-16 ta' Frar 2007 mill-Qorti ta' l-Appel Kriminali;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MC3 u nnutat li l-imputat Daren Grima m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet kollha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum il-parte civile Miroslav Pfiefer iddikjara illi nkwantu l-mutur tal-marka Aupa numru ta' Registrazzjoni EBL746 u l-karozza Datsun Sunny numru ta' Registrazzjoni JPH847 huwa dawn il-vetturi ma jridhomx.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-tieni akkuza ukoll migjuba kontra l-istess imputat, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 293 tal-Kap. 9, il-Qorti hi tal-fehma li mill-atti processwali dawn iz-zewg akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati. Pero' il-Qorti hi tal-fehma li gie sufficjentement ippruvat mill-provi prodotti ir-reat li jinkwadra ruhu fl-artikolu 85 tal-Kap. 9 (ara senjatament Stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. SPA1 a fol. tnejn u ghoxrin (22) et sequitur tal-Process), liema reat hu kompriz u involut fir-reat kontemplat fl-artikolu 293 tal-Kap. 9, liema reat gie addebitat lill-imsemmi imputat fit-tieni akkuza.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Daren Grima l-Qorti tiddikjara li tali akkuza li tirrigwarda ksur tad-diposizzjonijiet tal-art. 7 tal-Kap. 446 moghtija lill-imputat fis-16 ta' Frar, 2007 tissussisti.

Rat l-art. 85 tal-Kap. 9 u l-art. 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost inkwantu ghall-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Daren Grima ma ssibx lill-imputat Daren Grima hati ta' dawn l-akkuzi u minnhom tilliberah.

Issib pero' lill-istess imputat Daren Grima hati tar-reat inkwadrat fl-art. 85 tal-Kap. 9 li hu kompriz u involut ghar-reat addebitat lill-imputat Daren Grima fit-tieni akkuza u inoltre issib lill-imputat hati tal-ahhar akkuza u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Daren Grima ghall-piena komplessiva ta’ elf u tlett mitt ewro (Eur1300) multa.

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tordna lill-imputat Daren Grima li fi zmien hmistax (15)-il gurnata mil-lum ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ mitejn u ghoxrin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (Eur220.34) rigwardanti spejjes inkorsi f’din il-kawza dwar traduzzjonijiet.

**Dr. Saviour Demicoli LL.D., M.Phil.**
**Magistrat**